**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**Illum 26 ta' Frar 2016**

**Rikors Numru 54/2014**

**Carmel Muscat**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Carmel Muscat** pprezentat fis-17 ta' Lulju 2014 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponenti applika għal-liċenzja ta' Gwardjan Privat.*

*Illi minkejja illi l-esponenti huwa kkwalifikat sabiex jaħdem ta' Gwardjan Privat, permezz ta' ittra datata 16 ta' Ġunju 2014, l-intimat irrifjuta l-applikazzjoni tal-esponenti ai termini tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 peress illi l-esponenti ġie "misjub ħati ta' sentenzi fil-konfront tiegħ(u)."*

*Illi huwa kontrasens ġuridiku illi l-intimat ma japprovax l-applikazzjoni tal-esponenti minħabba l-fedina penali tiegħu ai termini tal-imsemmi artikolu 10(b) tal-Kap. 389 peress illi l-istanzi fejn tali fedina penali tiskwalifika individwu milli jottjeni l-permess mitlub huma elenkati fl-artikolu 10(a) tal-Kap. 389 u f'tali ċirkostanzi biss l-intimat kien ikun ġustifikat illi ma japprovax l-applikazzjoni tal-esponenti. Ġaladarba jidher illi m'hemm xejn fil-fedina penali tal-esponenti illi jiskwalifikah milli jottjeni l-liċenzja mitluba taħt l-imsemmi artikolu 10(a) tal-Kap. 389, l-intimat ma jistax jinvoka l-artikolu 10(b) minħabba xi sejba ta' ħtija illi ma tinkwadrax taħt l-artikolu 10(a).*

*Illi tali aġir tal-intimat huwa arbitrarju u in kontravenzjoni tal-prinċipju ta' dritt naturali "audi alteram partem" għaliex l-intimat ma ta l-ebda opportunità lill-esponenti illi b'xi mod jispjega l-posizzjoni tiegħu u għala għandu jingħata l-liċenzja mitluba. Inoltre, tali rifjut ma jirrispettax l-aspettativi xierqa tal-esponenti illi jingħata tali liċenzja ġjaladarba hu kien kwalifikat għal tali skop.*

*Illi barra minn hekk, kwalunkwe rifjut ta' din il-liċenzja minħabba li l-esponenti nstab ħati f'xi kawża kriminali tikkontravjeni l-prinċipju ta' proporzjonalità u hija ekwivalenti għal piena li ma hijiex ikkontemplata mil-liġi u għaldaqstant, tali rifjut huwa msejjes fuq konsiderazzjonijiet m'hux xierqa.*

*Illi s-sitwazzjoni attwali hija tali illi tpoġġi lill-esponenti fi żvantaġġ proċedurali konsiderevoli stante illi huwa ma jafx ir-raġuni eżatta talli l-applikazzjoni tiegħu ma ġietx aċċettata u għaldaqstant, l-anqas ma jista' jindirizza adekwatament l-appell tiegħu minn tali deċiżjoni arbitrarja.*

*Illi dan kollu huwa in kontravenzjoni tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12.*

*Għaldaqstant l-esponenti bil-qima jitlob illi dana l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jirrevoka d-deċiżjoni msemmija tal-intimat li għandu jiġi ordnat illi joħroġ il-liċenzja mitluba bla dewmien."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 11 ta' Awissu 2014 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *ILLI preliminarjament, għal kull buon fini l-esponent jirrileva illi l-kopja tar-rikors tar-rikorrent li ġiet notifikata lill-esponent hija sprovvista mil-lista ta' xhieda skont kif inhu rikjest mill-**Artikolu 15 (2) (d) tal-Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva [Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta];***

2. *ILLI fil-mertu u bla preġudizzju għall-premess, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija, jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana għaliex għal kuntlarju ta' dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jagħtix il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent, kif ser jiġi muri u spjegat aħjar tul it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;*

3. *ILLI minħabba x-xorta ta' reati li jinsabu fil-fedina penali tal-appellant Muscat fosthom anke reati ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti, l-esponent ħass illi ma kienx fl-interess pubbliku li tinħareġ din it-tip ta' liċenzja. Jingħad illi l-Kummissarju tal-Pulizija jgawdi diskrezzjoni permezz tal-**Artiklu 10(b) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali [Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta]** fejn jekk iħoss illi persuna li kellha dak it-tip ta` offizi fil-fedina penali tagħha ma hix persuna idonea sabiex tagħmel ix-xogħol ta` gwardjan privat jista' jirrifjuta li jagħti l-liċenzja fl-interess pubbliku. Il-Kummissarju, wara li joħrog il-liċenzja, ma għandu l-ebda kontroll fejn se jintbagħat jaħdem l-impjegat u f'liema sitwazzjonijiet se jsib ruħu.*

*Minħabba dan, gwardjan privat irid ikun persuna affidabbli u ta' karattru sod propju anke minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol;*

4. *ILLI inoltre'għal kuntlarju ta' dak li jgħid ir-rikorrent sempliċi ċertifikat li għamel il-kors ta' Gwardjan Privat mhuwiex biżżejjed biex tinħareġ l-imsemmija liċenzja jekk ikun hemm lok għal rifjut taħt xi wieħed mill-kriterji tal-**artikolu 10 tal-Kap 389**;*

5. *ILLI rigward l-allegazzjonijiet dwar xi ksur ta' prinċipju ta' dritt naturali u prinċipju ta' proporzjonalita' dawn huma insinwazzjonijiet fiergħa u gratwiti da parti tar-rikorrent, liema allegazzjonijiet qed jiġu kategorikament miċħuda mill-esponent;*

6. *ILLI mhuwiex minnu illi r-rikorrent ma jafx ir-raġuni ta' tali deċiżjoni tal-esponent għaliex l-esponent irrefera għal fatt illi kellu sentenzi fil-konfront tiegħu anke meta ma kellux għalfejn peress illi l-**Artikolu 11 tal-Kap 389** jindika b'mod ċar illi f'każ ta' rifjut taħt l-**Artikolu 10 (b)** m'hemmx ghalfejn jingħataw raġunijiet dettaljati. L-imsemmi artikolu jgħid illi "iżda f'każ ta' rifjut taħt l-artikolu 10 (b), ikun biżżejjed li jiddikjara li l-liċenzja tkun ġiet rifjutata fl-interess pubbliku.*

***Għ**aldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi u oħrajn li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Sema' x-xhieda tal-Ispettur Ramon Mercieca[1] u tar-rikorrent;[2]

Ra n-Nota tal-Kummissarju intimat;[3]

Ra d-dokumenti kollha ipprezentati;

Ra in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju intimat;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

## Ikkunsidra:

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 16 ta' Gunju 2014 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B'referenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenza ta' Gwardjan Privat, jiddispjacini ninfurmak, illi l-applikazzjoni tieghek qieghda tigi rifjutata ai termini*

[1] A fol. 29 sa fol. 30
[2] A fol. 45 sa fol.47 u minn fol. 50 sa fol. 53
[3] A fol. 33 sa fol. 42

*ta' l-Artikolu 10 (b) fl-interess pubbliku, minhabba li gejt misjub hati ta' sentenzi fil-konfront tieghek.*

*Ninfurmak ukoll, illi jekk inti jidhirlek li ghanda tinhareg licenzja f'ismek, inti tista` tappella minn din id-decizjoni, billi fi zmien xahar kalendarju minn meta tircievi dan l-avviz, tipprezenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u dan skont id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 11 (3) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi **r-rikorrent** xehed illi l-ahhar sentenza fil-konfront tieghu kienet inghatat fl-2004 u wara dik is-sena ma kellu l-ebda tip ta' problemi. Jghid li fil-prezent huwa kien bla xoghol pero` kien jahdem ghal xi tmien xhur ma' Kumpanija tat-tindif bhala *cleaner* fil-Qorti tal-Famillja, liema xoghol kien jinkludi tindif fl-ufficini tal-Magistrati u Mhallfin. Jistqarr li telaq minn mal-Kumpanija li kienet thaddmu ghaliex kien qed ikollu problemi biex jithallas. Mistoqsi kif qabad u telaq mix-xoghol li kellu minghajr ma kellu serhan il-mohh li ghandu xoghol iehor, ir-rikorrent stqarr illi riedu jibghatuh il-Mosta u skond hu kien hemm daqsxejn ta' boghod minn fejn kien joqghod hu, cioe` l-Marsa, ghall-Mosta u ghalhekk telaq mix-xoghol. Jghid li minkejja li wettaq numru ta' reati li jirrizultaw mill-fedina penali tieghu, il-bniedem jinbidel u f'dawn l-ahhar disa' snin huwa kien qaghad "ta' nies".

Illi **l-Ispettur Ramon Mercieca** xehed illi meta wiehed jikkonsidra r-reati kollha rizultanti mill-fedina penali tar-rikorrent, huwa hass li ma kienx affidabbli bizzejjed biex jezercita x-xoghol ta' gwardjan privat. Jistqarr illi kieku r-rikorrent kellu biss l-akkuzi tal-pussess tal-cannabis kieku l-licenzja kienet tigi koncessa, pero` jirrizulta li r-rikorrent kien ghamel falsifikazzjoni u tibdil f'dokumenti pubblici li jirrigwardaw ir-registrazzjoni tal-vettura tieghu. Jghid li r-rikorrent inqabad li ghamel dan ir-reat ghax kellu incident tat-traffiku ma' terza persuna b'karozza li mhux suppost kienet qieghdha fit-triq.

Illi mill-fedina penali[4] jirrizulta illi l-ewwel sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrent kienet fl-1995 u l-ahhar wahda fl-2006. Illi t-Tribunal iqis li jkun gust li biex tinghata stampa cara jelenka r-reati kommessi mir-rikorrent u li taghhom instab hati, u cioe`:-

1. Permezz ta' sentenza datata 30 ta' Awissu 1995 ir-rikorrent instab hati talli fit-18 ta' Settembru 1994 ingurja u hedded lil ufficjal tal-Pulizija u gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur;

[4] Esebita a fol. 35 sa 38

2. Permezz ta' sentenza datata 12 ta' Marzu 2002 ir-rikorrent gie misjub hati talli fit-18 ta' April 1999 u fix-xhur ta' qabel kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis u wkoll li kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha u ghal dan gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax-il xahar;
3. Permezz ta' sentenza datata 24 ta' Marzu 2006 huwa nstab hati talli fit-2 ta' Jannar 2004 u fix-xhur ta' qabel wettaq diversi reati fosthom falsifikazzjoni f'att pubbliku, talli saq vettura minghajr ma kienet licenzjata biex tintuza fit-triq u minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni, ghal-liema reati huwa gie kkundannat multa ta' tlett mitt lira maltin (Lm300) u skwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien sena.

Illi ghalhekk, minn harsa kompleta lejn l-istorja li turi l-fedina penali tar-rikorrent, jirrizulta illi l-istess xellef difru mal-gustizzja u gie mressaq il-Qorti tlett darbiet bejn l-1995 u l-2006.

Illi fir-rikors promutur ir-rikorrent jissottometti illi ladarba r-reati mwettqa minnu ma humiex dawk elenkati fl-artikolu 10 (a) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, allura l-Kummissarju intimat ma setghax jirrifjuta l-licenzja *de quo* abbazi tal-artikolu 10 (b).

Illi ahjar intendiment ta' dak li qieghed jigi sottomess, it-Tribunal se jiccita dak li jghid artikolu 10 (a) u (b) tal-Kapitolu 389 u cioe` :-

*"Il-Kummissarju* ***<u>għandu jirrifjuta</u>***[5] *applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a)meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' ta' omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor;*

*(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux addattat; jew*

*(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizzi tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġieba; jew*

---

[5] Enfasi tat-Tribunal

*(iv) tkun uffiċjal pubbliku ħlief uffiċjal li jkun jappartjeni għal grad jew kategorija kif jistgħu jiġu preskritti mill-Ministru jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizzi talħabs; jew*

*(v) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra l-persuna jew kontra l-proprjetà u l-applikazzjoni ssir fi żmien ħames snin minn meta jsir id-delitt; jew*

*(vi) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi reat li jaffetwa l-bon ordni tal-familji;*

*(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza;"*

Illi l-argument sottomess mir-rikorrent ghalhekk huwa wiehed fallaci ghax is-subartikolu (b) huwa raguni vera u proprja li jaghti l-jedd lill-Kummissarju jirrifjuta applikazzjoni nonostante li ma tkun tezisti l-ebda cirkostanza imsemmija fis-subartikolu (a), li kif se jigi spjegat aktar 'il quddiem mhux il-kaz fil-kaz in ezami.

Illi fir-rikors promutur ir-rikorrent jishaq ukoll illi l-agir tal-Kummissarju intimat imur kontra d-dritt naturali tal-*"audi alteram partem"* ghax l-intimat ma nghata l-ebda opportunita` sabiex jispjega l-posizzjoni tieghu. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi dan l-aggravju possibilment jaqa' *entro* l-parametri ta' l-azzjoni ghall-istharrig ta' azzjoni amministrattiva a tenur ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari a tenur tas-subartikolu (1)(b) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, u ghaldaqstant il-kompetenza biex tittratta u tiddeciedi dwar l-istess hija evidentement vestita fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili u mhux f'dan it-Tribunal. Illi t-Tribunal jirrileva illi ghalkemm fil-penultimu paragrafu tar-rikors promutur ir-rikorrent issottometta illi d-decizjoni tal-Kummissarju intimat hija "*in kontravenzjoni tal-artikolu 469A (1) (b) tal-Kap.12"* dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza li jinvesti l-istess ilment u dan tenut kont ta' dak li ntqal iktar 'il fuq.

Illi sorvolati dawn iz-zewg aggravji preliminari, dan it-Tribunal, se jghaddi issa biex jinvesti l-mertu proprju tal-appell.

Illi fl-apprezzament tieghu sabiex jevalwa jekk il-Kummissarju intimat applikax id-diskrezzjoni tieghu b'mod gust, ragjonevoli u proporzjonat, dan it-Tribunal ma jistghax jiskarta r-reati mwettqa mir-rikorrent. Madankollu jirrizulta illi mid-data tat-twettieq tal-ahhar reat ghaddew cirka tnax-il sena fejn ir-rikorrenti ma regghax xellef difru mal-gustizzja. Illi t-Tribunal jikkoncedi, kif ghamel f'kazijiet ohra, illi persuna tista' tbiddel ir-rotta ta' hajjitha ghall-ahjar. Illi pero` ghalkemm ir-reati gew imwettqa diversi snin ilu jirrizulta illi fl-2004 ir-rikorrent wettaq delitt

"kontra l-fiducja pubblika", haga li jidher li sfuggiet lill-Kummissarju intimat u li a bazi taghha biss seta' hareg ir-rifjut tal-licenzja *de quo* taht l-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi min-naha l-ohra, ir-rikorrent bl-ebda mod ma kkonvinca lil dan it-Tribunal li huwa haqqu jinghata l-fiducja mill-Kummissarju intimat billi jinghata l-licenzja *de quo*. Dan it-Tribunal kellu l-opportunita` jisma' *viva voce* lir-rikorrent fejn dan sostna li llum biddel hajtu. Billi wiehed jaghti certifikat lilu nnifsu li biddel hajtu ma jfissirx li dan it-Tribunal ghandu jkun sodisfatt b'daqshekk. Pero`, apparti minn dan, it-Tribunal jinsab ferm preokkupat bil-fatt illi meta mistoqsi ghaliex telaq mix-xoghol li kellu qabel huwa qal li telaq peress li min kien ihaddmu kien se jittrasferih minn fejn kien jahdem fil-Belt ghall-Mosta. Ir-rikorrent stqarr li hass li kellu jitlaq ghax iqis li l-Mosta huwa 'l boghod mill-Marsa fejn attwalment joqghod. Illi t-Tribunal ihoss li persuna li tara li l-Mosta huwa 'l boghod biex tmur u taqla' l-ghixien taghha mhix persuna li tista' serjament taqdi d-dmirjiet ferm oneruzi li ghandu gwardjan privat. Illi kif inhu risaput u kif hu anke elenkat f'artikolu 2 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta id-dmirijiet ta' gwardjan privat huma dmirijiet li jistghu ilaqqghu persuna ma' diversi sitwazzjonijiet u cirkostanzi difficli li jridu kontroll shih taghhom fl-ahjar interess tal-pubbliku.

Illi fl-opinjoni tat-Tribunal, il-Kummissarju intimat kien gustifikat meta hareg ir-rifjut tieghu abbazi tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tar-responsabbiltajiet li gwardjan privat irid jiffaccja fix-xoghol tieghu u dan specjalment abbazi tar-reat li r-rikorrent wettaq kontra l-fiducja pubblika. It-Tribunal jara d-diskrezzjoni tal-Kummissarju intimat bhala mizien fejn f'keffa minnhom hemm l-interess pubbliku u fil-keffa l-ohra hemm id-dritt li persuna tigi koncessa lilha l-licenzja in kwistjoni. Biex wiehed isib bilanc jista' jkun ezercizzju difficli u delikat. Hafna drabi, kazijiet simili, jaslu quddiem dan it-Tribunal ghaliex proprju il-keffa tal-interess pubbliku tinghata aktar piz mid-dritt tal-individwu li jottjeni l-licenzja in kwistjoni u l-ezercizzju li dan it-Tribunal irid jaghmel huwa li jara jekk dak il-piz li nghata lill-interess pubbliku kienx wiehed gustifikat fic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Illi f'dan il-kaz partikolari, it-Tribunal ma jsibx illi l-Kummissarju intimat uza d-diskrezzjoni tieghu b'mod mhux gustifikat jew sproporzjonat.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, iqis li d-decizjoni tal-Kummissarju intimat hija wahda valida ghall-effetti kollha tal-ligi.

**DECIDE**

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tar-rikorrent, u jilqa’ l-eccezzjonijiet imressqa mill-Kummissarju intimat.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**